MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 281/2003/1

**Antoinette Mifsud**

**vs**

**Middle Sea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Ottubru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta Jannar 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) rapprezentanti kont mahrug mill-Isptar Capua Palace Hospital ghal kura li l-attrici rceviet minn ghandhom liema spiza tinsab koperta permezz ta

polza ta assikurazzjoni medika “Private Medical Policy – Laferla Health Plan” polza numru HVC/00176/2000/06;

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 7 ta Marzu 2003 fejn ikkontestat it-talba attici in vista tal-fatt li l-kont in kwistjoni ma jinsabx kopert bil-polza in kwistjoni peress li jirriferi ghal rehabilitation u mhux kura u b’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Il-konsulent Charles Grixti fl-affidavit tieghu jghid illi l-attrici ddahlet l-Isptar San Luqa fit-30 ta Lulju 2001 fejn giet operata. Fl-4 ta Awissu 2001 giet trasferita ghal Capua Palace Hospital stante li “kienet tehtieg aktar kura” u baqghet hemm sat-30 ta Awissu 2001; Il-konsulent ikkonferma wkoll ic-certifikati minnu rilaxxjati markati Dok CG1 u Dok CG2 liema dokumenti jinsabu wkoll annessi mal-avviz bhala Dok B u Dok C;

Fil-fatt Dok CG1 datat 3 ta Mejju 2002 ighid illi l-attrici *“transferred to Capua 4/8/01 for further management….She developed swelling on her right calf and DVT was suspected….”*

Dok CG2 datat 16 ta Ottubru 2002 ighid illi “…*during this time she was suspected of developing a DVT and was started on aspirin …discharged walking on crutches”.*

L-attrici kkonfermat li kellha bzonn tibqa rikoverata ghall-kura wara operazzjoni li ghamlet gewwa St Luke’s. Qabel ma dahlet Capua Palace Hospital, binha kien indaga mal-assikurazzjoni konvenuta

jekk tali rikoveru kienx kopert bil-polza o meno u dawn irrispondewh fil-posittiv. Fil-Capua Hospital hija baqghet taht il-kura tal-konsulent Grixti. Kien biss waqt ir-rikoveru taghha li giet infurmata li l-ispiza ma kinietx ser tkun koperta bil-polza tas-sahha li kellha stante li kien qed jigi allegat li ma kinietx qed tiehu kura izda semplicement “rehabilitation”.

Fil-fatt il-punt principali ta disgwid f’dina l-kawza bejn il-partijiet huwa l-proprju dan u cioe filwaqt li l-attrici tallega li hi marret il-Capua ghal kontinwazzjoni tal-kura taghha in segwitu ta operazzjoni li saret St Luke’s, is-socjeta konvenuta ssostni li l-attrici ma hadet ebda kura fil-Capua Hospital u giet ammessa hemm gew semplicement ghal finijiet ta mistrieh ossia rehabilitation liema raguni ma hiex koperta permezz tal-polza ta assikurazzjoni taghha a fol 98 u 99 tal-process liema posizzjoni tas-socjeta konvenuta kienet giet esposta ben kjara fix-xhieda ta Pio Dalli.

Illi dwar il-qaghda fisika ta l-attrici in segwitu ta l-operazzjoni li ghamlet St Luke’s ghal ksur fl-ghaksa nstemghu s-segwenti xhieda:-

Dr Clive Bezzina li jahdem St Luke’s xehed illi l-attrici kellha appuntament gimghatejn wara r-rilaxx taghha fl-outpatients sabiex jitnehhewlha l-punti. Bhala kura wara r-rilaxx taghha minn St Luke’s kienu tawha struzzjonijiet sabiex ma taghmilx piz fuq saqajha ghal madwar sitt gimghat – sabiex tuza l-krozzi – sabiex jaghmlulha l-gibs wara sitt gimghat – u possibbilment tmur ghal physiotherapy wara li jitnehha l-gibs. Illi ghalhekk dan it-tabib jikkummenta li *“il-kura li kellha bzonn il-pazjenta ghalhekk kienet ghadha ma spiccatx meta giet rilaxxata mill-isptar”.* Huwa jkompli jispjega li ghalkemm ma kellhomx suspett ta trombosi fil-mument tar-rilaxx taghha minn St Luke’s pero tali kondizzjoni tista u setghet

facilment zviluppat wara peress li kun xi ftit immobile. Difatti meta l-attrici giet rilaxxjata minn St Luke’s hija ma kinietx f’posizzjoni li timxi fuq saqajha.

Albert Micallef li jahdem il-Capua jghid li l-attrici kienet taht il-kura tal-konsulent Grixti u li dan kien irrakkommanda mistrieh u sabiex izzomm saqajha elevata l-fuq. In segwitu ighid ukoll li l-attrici bdiet tinghata wkoll nursing care il-ghaliex il-ferita kienet friska u l-pazjenta bdiet tilmenta minn ugiegh fil-pexxun ta saqajha. Hija nzammet taht l-osservazzjoni kostanti tal-konsulent Grixti minnhabba li kien hemm suspett ta “Deep Vain Thrombosis”. Difatti filwaqt li bejn l-4 sal-11 ta Awissu hija nghatat pain killers bhala medicina wara l-11 ta Awissu bdew jissomministrawlha l-aspirina. Dan ix-xhud jirreferi ghan-notament datat 10 ta Awissu 2001 dwar il-pazjenta li kellha nefha fil-pexxun ta saqajha (a fol 69).

Tania D’Amore li kienet il-persuna li mliet l-admission form ta l-attrici ghal Capua tghid li hija kienet kitbet l-informazzjoni li tatha l-ward sister u dana sahansitra qabel ma waslet l-istess attrici. Tikkonferma li kienet hi li emendat il-length of stay minn 3 ghal 7 t’ijiem u kif ukoll li suppost li kellha temenda l-iskop tar-rikoverar minn rehabilitation ghal “rehabilitation post fracture”. Fil-fatt Dok ST1 u Dok CHF a fol 60 tal-process it-tnejn ighidu bazikament “rehabilitation after fall”.

Illi apparti x’qalu dawn ix-xhieda ndikati hawn fuq li lkoll jitkellmu dwar xi forma ta kura jew ohra li nghatat l-attrici gewwa l-Capua Hospital, it-Tribunal huwa tal-fehma li fuq dan il-punt kien car u skjett tassew bl-aktar mod soddisfacenti u konvincenti l-Konsulent Charles Grixti li kienet il-persuna wara kollox l-aktar responsabbli ghal kura u fejqan komplet ta Mrs Mifsud.

Dan il-konsulent isostni li fil-mument tar-rilaxx taghha minn St Luke's, l-attrici kienet ghadha fi *"zmien ta osservazzjoni in segwitu tal-operazzjoni li kienet saritilha".* Jispjega li l-operazzjoni kienet tikkonsisti *"F'implant of a foreign object ….pjanca u viti fis-sieq…u ghalhekk ir-riskji ta infection tkun ferm aktar gholja".* Izid jispjega li f'kaz simili l-ferita generalment tiehu madwar gimghatejn biex tfieq u jekk ahna ma nkunux certi li din fieqet ghal kollox inzommuha sakemm naccertaw ruhna.

Illi ghalhekk in vista ta din l-ahhar xhieda fl-imkien mac-certifikati rilaxxjati mill-istess Konsulent kif korroborat mix-xhieda l-ohra kollha li nstemghu f'dawn il-proceduri, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tal-attrici kif dedotta giet ampjament ipprovata.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta thallas lill-attrici s-somma kif mitluba ta elf u hames mitt lira (Lm1500) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dawn il-proceduri u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra s-socjeta konvenuta.**"**

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` assiguratrici konvenuta. L-aggravji taghha huma replika ta' l-eccezzjonijiet hawn fuq esposti u minnha moghtija quddiem it-Tribunal biex tirrezisti t-talba attrici;

Mill-attijiet tal-kawza jirrizulta illi l-attrici ssottoskriviet ghal kopertura ta' polizza ta' assikurazzjoni maghrufa bhala "Private Medical Insurance Policy" imnedija minn Laferla Healthplan. Din il-polizza, effettiva mill-25 ta' Gunju 2000, kienet intiza li tkopri r-riskju ta' event konsegwit minn accident jew Acute Medical Condition, kif dawn huma

mfissra fl-istess polizza, senjatament il-kura necessitata minhabba lezjoni vjolentement kawzata minn fatturi esterni jew minn kondizzjoni medika;

In linea generali, kif anke hu definit fl-Artikolu 2 ta’ l-Att dwar l-Impriza ta’ l-Assigurazzjoni (Kapitolu 280), il-kuntratt ta’ l-assigurazzjoni hekk krejat bejn il-partijiet jikkostitwixxi dak il-ftehim “fejn parti tiftiehem, b’ korrispettiv, li thallas lil jew akkont ta’ parti ohra jew lil beneficjarji, somma ta’ flus jew hlas iehor, sew bhala indennizz kontra telf, hsara jew danni xort’ ohra, meta tigri grajja specifika li dwarha jkun hemm element ta’ incertezza dwar meta ser tigri jew ma tigrix”. Jitnissel minn dan, f’ tema ta’ assikurazzjoni, illi r-riskju hu l-oggett ta’ l-assikurazzjoni u meta jsehh event, ekonomikament pregudizzjevoli ghall-assikurat u estraneju ghall-volonta tieghu, jidderivi l-obbligu fl-assikurazzjoni li taghmel tajjeb ghalih bil-hlas opportun. Naturalment, jaggrava dejjem fuq l-assikurat ghal fini ta’ l-otteniment tal-hlas minghand l-asskurazzjoni illi jiddemostra li sehhet sitwazzjoni koperta bil-garanzija assikurativa. Verifikat dan, il-piz tal-prova jghaddi fuq l-assikurazzjoni f’ kaz li din tiddefendi ruhha bl-eccezzjoni illi dik l-istess sitwazzjoni hi eskluza mill-polza;

Affermati dawn il-preliminari, il-fatti tal-kaz prezenti juru li l-attrici ssubiet incident li gabilha frattura fl-ghaksa ta’ sieqha l-leminija dwar liema giet operata fl-Isptar San Luqa. F’ sens guridiku jissussisti minn dan, certament, rapport ta’ kawzalita bejn id-dannu assikurat u l-event li gab id-dannu. Dan ma jidherx li hu kkwerelat mis-socjeta` appellanti. Dak li, invece, hu kkontestat minnha hu r-rikoveru ta’ l-attrici fi sptar privat, u allura tal-hlas pretiz minnha ghal tali rikoveru, in kwantu hi ssostni illi l-polza ma tkoprix sitwazzjoni ta’ rijabilitazzjoni ta’ l-assikurat;

Jirrizulta bhala fatt illi meta l-attrici kienet ghadha tircievi kura post operattiva fl-Isptar San Luqa hi talbet li tigi trasferita ghall-Isptar Capua. Il-punt ikkontestat jinsab fil-fatt illi mentri ghall-attrici ir-rikoveru taghha f’ dak l-isptar

privat kien parti mill-process ta’ kura medika ulterjuri konsegwenti ghall-operazzjoni u konness mal-fonti ta’ l-incident subit, ghas-socjeta` appellanti dik il-kura kienet wahda merament ta’ rijabilitazzjoni u din ma kienetx tirrientra fil-parametri ta’ dik il-kura medika dwar liema l-attrici kienet assikurata;

Hu stabbilit mit-termini u d-definizzjoni tal-polza *de quo* illi x-xorta ta’ kura mehtiega medikament hi dik “li fil-fehma tat-Tabib jew ta’ l-Ispecjalista tal-Beneficjarju hi kemm adattata u kemm taqbel mal-kondizzjoni medika misjuba u li, skond il-prattika medika generalment accettata, jekk ma tinghatax ikun hemm effetti serji u hziena fuq is-sahha tal-Beneficjarju”. F’ sede ta’ interpretazzjoni, ghal fini li tigi individwata n-natura tal-kura, jikkostitwixxi minn din it-tifsira kriterju validu dak li jkun dijanjostikat mill-Ispecjalista;

Issa f’ dan il-kaz jekk wiehed joqghod, kif hekk ghamel it-Tribunal, fuq l-apprezzament kliniku ta’ l-Ispecjalista Charles Grixti, kemm fix-xhieda testimonjali tieghu (fol. 92) u mic-certifikati minnu rilaxxjati fit-3 ta’ Mejju 2002 (fol. 19) u fis-16 ta’ Ottubru 2002 (fol. 20), ghandu jsib li l-attrici giet rikoverata fl-Isptar Capua ghall-“*further management*”, ossija ghall-kontinwazzjoni ta’ dik l-osservazzjoni medika necessitata in segwitu ta’ l-operazzjoni li saritilha. Dejjem skond dan ix-xhud, imbaghad, fil-kaz ta’ l-attrici ghal fatt tan-nefha li nsorgiet fil-pexxul ta’ sieqha l-leminija kien hemm is-suspett ta’ zvilupp ta’ “Deep Vein Thrombosis” u din il-qaghda kienet tirrikjedi supervizjoni u kura medika adegwata u immedjata;

Is-socjeta` appellanti minn naha taghha tissottometti illi din il-valutazzjoni maghmula mill-imsemmi specjalista mhix sorretta minn dik tax-xhieda prodotti minnha, senjatament it-Tabib Clive Bezzina ta’ l-isptar San Luqa, House Surgeon ta’ l-istess specjalista, u dik ta’ Albert Micallef u Tania D’ Amore, addetti ta’ l-Isptar Capua;

Ghalkemm din il-Qorti tirrikonoxxi li fil-kwadru probatorju prezentat quddiemha mill-atti s-soluzzjoni certament mhix facli, il-konvinciment prudenzjali taghha emanenti minn dan l-istess kwadru jikkonduciha, fil-kumpless, biex taccetta bhala attendibbli l-ispjegazzjoni fornita mill-ispecjalista f' dan il-kaz.  Il-Qorti ma tarax kif minn din l-istess spjegazzjoni wiehed jista', oggettivament u ragonevolment, jiddeduci illi l-kura prestata kienet wahda sempliciment ta' rijabilitazzjoni u, mhux ukoll, biex tigi affrontata kondizzjoni medika reali ghall-evitar ta' konsegwenzi potenzjalment serji ghall-pazjent.  Taht dan il-profil ma jistax allura jinghad illi l-kura ricevuta mill-attrici fuq il-parir ta' l-Ispecjalista mhix annoverata fit-termini tal-polza, kif lanqas ma jista' jinghad illi l-attrici ma skarikatx minn fuqha l-oneru ghas-sostenn tad-dritt vantat minnha u dik tal-legittimazzjoni tat-talba taghha ghar-reklam taht l-istess polza. F' dawn ic-cirkustanzi l-Qorti ma ssibx raguni biex issostni l-aggravji lilha devoluti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------